

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- wara li ħadet konjizzjoni tal-ksur ikkonstatat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li annullaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar ksur tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – Vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit – adożzjoni mill-ġdid), tannulla d-deċiżjoni ta' każda tal-Kummissjoni li tinsab fl-ittra tas-17 ta' Jannar 2018, u fl-istess ħin tordna lill-Kummissjoni tħallas lura lir-rikorreni l-multa imposta u mħallsa illegalment, kif ukoll l-interessi.
- tannulla d-deċiżjoni ta' każda tal-Kummissjoni li tinsab fl-ittra tad-9 ta' Marzu 2018 u tordna lill-Kummissjoni li tawtorizza lir-rikorreni tieħu sehem fil-proċedura COMP/37.956, li għandha terġa' tinfetaħ mill-Kummissjoni sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenzi.
- sussidjarjament, tikkumpensa lir-rikorreni somma mhux inqas minn EUR 10 miljuni jew somma oħra li tkun iddeterminata matul il-proċedura jew meqjusa ekwa mill-Qorti Ġenerali sabiex tissanzjona adegwatament il-ksur li seħħ tal-Artikolu 41 tal-Karta.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorreni tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 7492 finali tat-30 ta' Settembru 2009, dwar ksur tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – Vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit) ⁽¹⁾ u tispeċifika li minkejja termini ta' dan l-annullament, il-konvenuta rrifjutat li tħallas lura l-multa mħallsa u li tistidinha sabiex tintervjeni fil-proċedura amministrattiva, li fil-frattemp reġġet infetħet.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ⁽²⁾, b'mod partikolari d-dritt tal-parti li tagħmel it-talba għal proċedura li tosserva l-legalità u fl-ewwel lok id-drittijiet tad-difiża tagħha.
 - Qed jiġi sostnut f'dan ir-rigward, li l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fis-seduta ma hijiex sempliċi formalità, peress li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jiffurmaw parti mill-kumitat li għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni qabel tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni. L-imsemmija awtoritajiet għandhom dejjem jieħdu sehem fis-seduti plenarji, stadju kruċjali tal-proċedura li matulu il-konvenuti jikkonċentraw l-isforzi tagħhom difensivi fil-kuntest tad-dibattitu kontraddittorju mal-Kummissjoni.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari tad-dritt għall-amministrazzjoni tajba.

⁽¹⁾ Sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Feralpi vs Il-Kummissjoni (C-85/15 P, EU:C:2017:709); Kawżi magħquda C-85/15 P, C-86/15 P u C-87/15 P, C-88/15 P u C-89/15 P.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2018 – Rietze vs EUIPO – Volkswagen (Vetturi)

(Kawża T-191/18)

(2018/C 161/89)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorreni: Rietze GmbH & Co. KG (Altdorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Krogmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tad-disinn kontenzjuż: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn Komunitarju Nru 762851-0001

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Jannar 2018 fil-Każ R 1203/2016-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell u tiddikjara l-invalidità tad-disinn Komunitarju Nru 762851-0001;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002;
- Ksur tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 6/2002.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2018 – Rietze vs EUIPO – Volkswagen (Vetturi)

(Kawża T-192/18)

(2018/C 161/90)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Rietze GmbH & Co. KG (Altdorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Krogmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tad-disinn kontenzjuż: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: ir-reġistrazzjoni internazzjonali Nru DM/073118-3 li tindika l-Unjoni Ewropea

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Jannar 2018 fil-Każ R 1244/2016-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell u tinvalida l-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali tad-disinn DM/073118-3 fl-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002;
 - Ksur tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 6/2002.
-